MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 367/2010

**A B**

**vs**

**C D;**

**l-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-21 ta' Jannar 2011 gew nominati kuraturi deputati ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri E-F D u G-H D u b'digriet tas-7 ta' April 2011 gew estromessi l-kuraturi deputati u giet nominata l-istess C D kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta l-minuri;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex li gie kjamat in kawza b'digriet tal-14 ta' Marzu 2013**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti kellu relazzjoni sentimentali u intima sporadika ma’ l-intimata ghal tul ta’ snin u tul din ir-relazzjoni l-intimata welldet zewgt itfal senjatament E-F li twieldet fil-15 ta’ Novembru, 1999 kif jirrizulta minn kopja tal certifikat tat-twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 318/1999 u G-H li twieled fl-20 ta' Jannar, 2004 kif jirrizulta minn kopja tal certifikat tat-twelid li jgib in-numru tal registrazzjoni 29/2004, it-tnejn ahwa D. Iz-zewgt itfal dunque ghadhom minorenni;

Illi ghalkemm ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet ta' natura sporadika, l-intimata illudiet lill-esponenti illi l-minuri huma frott ir-relazzjoni intima ta' bejniethom u ghaldaqstant hija kienet tippermetti lill-esponenti illi jezercita access ghall-minuri b'mod regolari u minghajr ebda xkiel inkluz li jhallasha manteniment ghaz-zewg ulied;

Illi minghajr ebda raguni l-intimata habta u sabta ghazlet illi ma thallix lill-esponenti jezercita 1-access tieghu ghall-minuri u eventwalment meta f'diversi okkazjonijiet l-esponenti prova javvicina lill-intimata sabiex thallih jezercita d-drittijiet tieghu versu t-tfal, din nislet fl-istess esponenti dubju serju dwar jekk effettivament huwa huwiex o meno l-missier biologiku tal-minuri aktar u aktar meta l-intimata harget tqila ghat-tielet darba u welldet tarbija li ammettiet illi ma kinitx tal-esponenti;

Illi l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex flimkien mal-minuri jersaq ghad-DNA paternity test izda dan baqa' ma sehhx minhabba intransigenza da parti tal-intimata;

Illi b'ittra ufficjali mibghuta ai termini tal l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ittra hija datata 14 ta' April, 2010, l-esponenti interpella lill-intimata sabiex tirregistra l-kunsens taghha ghal dikjarazzjoni u d-debita registrazzjoni tal-paternita' da parti ta' l-istess esponenti biex b'hekk fuq ic-certifkati tat-twelid hawn fuq indikati ma jibqax aktar jidher "unknown father" izda jitnizzel isem 1-esponenti;

Illi minkejja l-fatt illi debitament notifikata bl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, l-intimata ghazlet illi ma twegibx u allura l-esponenti ma kellu ebda triq ohra ghajr illi jistitwixxi dawn il-proceduri sabiex jittutela d-drittijiet tieghu jekk kemm-il darba jirrizulta xjentifikament ippruvat illi huwa il-missier biologiku tal-minuri in kwistjoni.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Taghraf lill-esponenti bhala l-missier biologiku tal-minuri de quo jew min minnhom u sussegwentment tordna li r-registrazzjoni ta' tali taghrif tigi debitament imnizzla fic-certifikati rispettivi tal-minuri;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikati tat-twelid numri 318/1999 u 29/2004, hawn fuq indikati, isiru s-segwenti korrezzjonijiet u addizzjonijiet:

(i) Fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' fil-parti ndikata bhala 'Missier it-tarbija' jigi kkancellat il-kliem 'unknown father’ u minflok jitnizzell-isem 'A B';

(ii) Fil-kolonna intestata 'Id-Dokument ta' I-Identita' fil-parti ndikata bhala 'Missier it-tarbija' jigi mnizzel in-numru '20164(G)’;

(iii) Fil-kolonna intestata 'Eta' fil-parti ndikata bhala 'Missier it-tarbija' tigi mnizzla 1-eta' ta' '46' [korretta ghal ‘35’ b’digriet tas-17 ta’ Ottubru 2014];

(iv) Fil-kolonna intestata 'Fejn Joqghodu' fil-parti ndikata bhala 'Missier it-tarbija' jigi mnizzel 'Qala, Ghawdex';

(v) Fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet' fil-parti ndikata bhala 'Missier it-tarbija' jigi mnizzell-isem 'Salvu Spiteri (haj) [korretta ghal ‘Salvu B (haj)’ b’digriet tas-17 ta’ Ottubru 2014];

(vi) Fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha', fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 318/1999 jigi mnizzel "E-F B" waqt illi fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 29/2004 jigi mnizzel "G-H B".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li permezz taghha ddikjarat is-segwenti:-

1. Illi kif qal ferm tajjeb ir-rikorrenti r-relazzjoni bejnu u bejn 1-esponenti kienet wahda ferm sporadika u xejn sentimentali anzi kienet pjuttost turbolenti u fejn huwa qatt ma wera l-intenzjonijiet serji fil-konfront tal-minuri kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

2. Illi kif ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-intimata kienet wahda sporadika anke ghar-rigward tal-access ghall-minuri kuntrarju ghal dak li qal ir-rikorrenti kien huwa stess li ghazel li ma jezercitax id-drittijiet tieghu tant li anke dan l-access kien jkun wiehed sporadiku, minghajr ebda kontinwita, u hafna drabi ghall-kumdita tieghu ghaliex l-access kien isir, meta ssir, meta u fejn jkun irid ir-rikorrenti. Fil-fatt kien hemm aktar minn perjodu wiehed mifrux fuq numru ta' xhur li lanqas biss ghamel xi tip ta' kuntatt. Barra minnhekk qatt ma kien hemm sforz genwien da parti tar-rikorrenti biex jkollu access anzi kienet tkun l-intimata li kull darba titla Ghawdex biex takkomoda lir-rikorrenti li qatt ma assuma verament ir-responsablita ta' missier;

3. Illi f’dak li jirrigwarda l-mantenirnent kienet tkun l-istess intimata li titlob u tfakkar lir-rikorrenti biex jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri peress li l-attegament tar-rikorrenti kien dejjem wiehed li ma jirriflettiex id-doveri ta' missier tant li kienu erba’ darbiet biss matul dawn is-snin kollha li ir-rikorrenti kkontribwixxa b'mod finanzjarament. Dan huwa rifless mill-fatt Ii illum l-minuri ghandhom hdax-il sena u sitt snin u dejjem ghexu mall-esponenti u ir-rikorrenti qatt ma fforma parti mill-hajja ta' kuljum tal-minuri u taghha li rabbiet t-tfal fl-ahjar ambjent possibbli u huwa qatt ma ppartecipa b'mod konkret anke ghall-hajja socjali taghhom;

4. Illi l-esponenti hassietha ferm sorprisa minn dak li issa qieghed jitlob ir-rikorrenti meta huwa naqas jghid x'esprima u xtaq meta huwa gie mgharraf bit-tqala taghha u cahad mill-bidu nett taz-zewg tqala li jkun involut fl-affari u fil-fatt kien anke talab biex ma tkomplix bit-tqala. Hekk ukoll naqas li jiddikjara kemm xhur ghamel minghajr ma jaghmel ebda tentattiv biex jiltaqa maghha u mall-minuri minkejja li kien ben konsapevoli fejn jghixu u fl-liema skola jattendu;

5. Illi r-rikorrenti ma gab ebda prova li juri li huwa l-missier biologiku tal-minuri u lanqas ghamel talba biex dan isir b'mod xentifiku u ghalhekk dak li qeighed jitlob ir-rikorrenti li jigi rikonoxxut bhala l-missier biologiku ghandu jigi michud;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet tar-rikorrenti kif maghmulha bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti inkluzi dawk nkorsi minnha biex tkun tista tigi Malta ghas-smiegh ta' dawn il-proceduri peress li hija qeghda tistudja Franza flimkien ma' uliedha,

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan 1-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jinvita lir-rikorrenti A B sabiex permezz ta' nota jispecifika wkoll dettalji ohra personali tieghu barra dawk indikati fir-rikors gurarnentat, senjatament (1) l-eta’ tieghu meta twieldu l-minuri E-F u G-H, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta' E-F li jgib in-numru ta' registrazzjoni 318 tas-sena 1999 u ta' G H li jgib in-numru ta' registrazzjoni 29/2004;

3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta’ Lulju 2014.[1]

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta’ Settembru 2014 akkordat b’digriet tas-17 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu l-Qorti ordnat korrezzjoni fit-talbiet attrici kif mitlub.

[1] Fol. 79

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-azzjoni attrici l-attur qed jitlob illi jigi dikjarat il-missier ta' zewg minuri imwieleda minn ommhom il-konvenuta C D. Iz-zewgt itfal gew registrati bhala b'missier mhux maghruf.

Il-konvenuta inizzjalment opponiet ghat-talbiet attrici peress li sostniet li l-attur ma ha l-ebda interess fit-trobbija taz-zewg minuri.

Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2013 il-partijiet iddikjaraw li hemm qbil bejniethom li l-attur huwa missier il-minuri E-F izda mhux tal-minuri G H.

**Ligi Applikabbli**.

Il-provvedimenti legali applikabbli ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti:-

***86A.*** *(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

***87.*** *(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

***88.*** *It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.*

***100A.*** *F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

Artikolu 70A jipprovdi dwar it-test xjentifiku tal-paternita' maghruf bhala t-test tad-DNA.

**Prova tad-DNA**.

B'digriet tas-26 ta' Novembru 2013 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tipprepara rapport ta' DNA limitatament fir-rigward tal-minuri E-F D

Dr Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA fid-29 ta' Mejju 2014[2] li permezz tieghu iccertifikat li l-attur hu l-missier bijologiku tal-minuri E F D.

[2] Fol. 74

Il-konvenuta ma kkontestatx il-konkluzzjonijiet tar-rapport tad-DNA.

Il-Qorti ghalhekk ser tiddikjara illi l-minuri E F D hi bint l-attur.

Tenut kont li l-minuri ilha maghrufa bil-kunjom D ghal circa hmistax-il sena u hekk tidher fl-inkartamenti kollha specjalment dawk relattivi ghall-edukazzjoni taghha, huwa indikat illi nonostante s-sentenza odjerna l-minuri tibqa' bil-kunjom D.

Tenut kont illi l-attur irrinunzja ghat-talbiet attrici fil-konfront ta' wiehed mill-minuri u tenut kont li l-attur minghajr ebda raguni valida halla jghaddu kwazi ghaxar snin sabiex istitwixxa l-kawza ta' filjazzjoni, il-Qorti qed tiddikjarah responsabbli ghall-ispejjez gudizzjarji kollha ta' din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur A B huwa l-missier bijologiku tal-minuri E-F imwielda fil-15 ta' Novembru 1999.

2. Tichad parzjalment l-ewwel talba fir-rigward tal-minuri G-H.

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-att tat-twelid numru 318/1999 jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzlu isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu kif indikati fin-nota li tinsab a fol. 79 tal-process.

4. Bis-sahha tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-minuri tkun u tibqa' maghrufa bil-kunjom " D".

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------